MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 928/2003

**Joseph Rosso**

**Vs**

**Kala Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Mejju 2003, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz;

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta tal-25 ta' Marzu 2004, fejn gie ecceppit (a) illi t-talba hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16, (b) illi minghajr pregudizzju t-talba hija nfondata peress illi ma saritx

konsenja kompleta kif tirrikjedi il-ligi, u dan salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra x-xhiedha ta’ Richard Attard in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta (2.02.05), ta’ l-attur Joseph Rosso (19.10.05) u l-affidavit ta’ Richard Greco pprezentat fl-20 ta’ Ottubru 2005.

Sema’ s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet li saret fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2006 u l-verbal ta’ l-istess seduta fejn il-partijiet qablu illi l-kawza tithalla ghal-llum ghad-decizjoni;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi qabel xejn ghandu jissindika dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta u bbazata fuq l-Artikolu 2148(b) tal-KAP 16 li tistipula perjodu ta’ 18 il-xahar.

Illi kif jirrizulta minn DOK JR 1 esebit mill-attur (fol 35), il-bejgh tad-dghajsa, dinghy, sar fit-18 ta’ Mejju 2001 jew qabel.

Illi s-socjeta` konvenuta (kif xehed Richard Attard in rapprezentanza taghha) tghid illi “l-attur qatt ma nterpella lis-socjeta` konvenuta f’dan il-perjodu ta’ zmien sabiex ihallas il-bilanc ta’ Lm500 li qieghed jitlob f’din il-kawza”.

Illi dawn il-proceduri odjerni gew intavolati fit-12 ta’ Mejju 2003.

Illi l-attur esebixxa kopja ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Marzu 2002, (DOK JR4), pero` jinnota illi din ma hix kopja legali u lanqas ma hemm ir-riferta relatata ghall-istess ittra ufficjali b’dan illi lanqas ma hemm il-prova tan-notifika ta’ l-istess ittra gudizzjarja kif rikjest mill-ligi.

Illi l-attur esebixxa ukoll (DOK JR5) – ricevuta ta’ l-attur lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ hames t’elef Liri Maltin

(Lm5000) u datata 18 ta' April 2001, sabiex maghdud ma' dak li qal l-attur Joseph Rosso (19.10.2005) meta qal illi "minnhom Lm500 thallsu bhala depositu u hames t'elef Lira (Lm5000) thallsu akkont tal-prezz meta gie kkonsenjat id-dinghy" – it-Tribunal jista` jasal biex jghid illi l-ammont bilancjali ta' hames mitt Liri Maltin (Lm500) kif mitluba fl-Avviz odjern kienu dovuti sa' mit-18 ta' April 2001.

Illi ma' jirrizulta ebda ksur tal-perjodu preskrittiv ta' tmintax il-xahar minn April 2001, la permezz ta' xi pagament akkont, la permezz ta' xi ammissjoni u lanqas permezz ta' xi att giudizzjarju kif trid il-ligi.

Illi in kwantu l-ittra ufficjali (DOK JR4) it-Tribunal gja irrileva illi din mhix kopja legali u lanqas ma hemm ir-riferta taghha, wisq anqas ir-riferta posittiva, u in vista ta' dak illi ighid l-Artikolu 2128 tal-KAP 16 illi l-att giudizzjarju irid ikun innotifkat lill-parti li kontra taghha wiehed irid illi ma jhallix il-presekrizzjoni timxi, allura it-Tribunal jidhirlu illi s-semplici fatt illi gie esebit DOK JR4 – dan ma jwassalx sabiex jikkonvinci lit-Tribunal illi l-preskrizzjoni giet miksura kif issottolinea d-difensur ta' l-attur.

Illi ghalhekk it-Tribunal, in vista tal-fatt illi jidher evidenti illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) mhux ser ighaddi sabiex jissindika l-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti, imma jieqaf biss fuq l-eccezzjoni proprju ta' preskrizzjoni.

Ghaldaqstant peress illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta hija sostenibbli u jinhtieg illi tigi milqugha, it-Tribunal, b'ekwita`, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16, u jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------